**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2016**

Numru 10

**Rikors Nru. 1168/2015**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 3834/2015**

**Fl-ismijiet**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**vs**

**Natalie Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Natalie Farrugia tal-10 ta' Dicembru 2015 li jghid hekk:

Illi l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali odjerna, fejn fost ohrajn qieghed jintalab li l-esponenti thallas is-somma ta' €16,602.44 ghall-konsum ta' dawl, ilma, kera ta metres u spejjez ohra;

Illi primarjament jinghad li l-esponenti ma ghandha l-ebda kontestazzjoni li s-servizz in kwistjoni jigi tterminat u dan stante li hija ma ghadiex tghix fil-fond in kwistjoni, liema fond kien id-dar matrimonjali tal-esponenti u zewgha;

Illi skond l-esponenti jehtieg li jigi kjamat fil-kawza odjerna Noel Farrugia li ghandu karta tal-identita numru 205180M u dan peress li skond kuntratt ta separazzjoni hawn anness, l-imsemmi Noel Farrugia kien obbliga ruhhu li jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma sa minn Ottubru tas-sena 2011 u kien obliga ruhhu li jitrasferixxi l-istess servizz fuq ismu;

Illi l-esponenti qieghed jopponi ghall-kontenut tal-ittra ufficjali odjerna bil-mod segwenti:

1. Illi primarjament u fid-dawl tal-kuntratt ta' separazzjoni, hawn anness, it-talbiet fil-konfront tal-esponneti ghandhom jigu michuda u dan stante li l-istess kontijiet kellhom jithallsu minn terz u cioe minn Noel Farrugia;
2. lllì minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti, sa minn meta saret taf li l-kont in kwistjoni ghadu ma nqalibx minn fuq isimha, ghamlet diversi tentattivi sabiex tikkomunika mas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited u kienet din tal-ahhar li dejjem naqset li tirrispondi u ghalhekk l-ittra ufficjali odjerna nharget inutilment u l-esponenti ma ghandiex tbati spejjez;
3. lllì minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta Automated Revenue Management Services Limited li tipprova t-talba taghha ghall-ammont minnha rikjest;
4. Fil-kumplament it-talbiet ta' Automated Revenue Management Services Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti titlob bir-rispett lii din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara t-talba ta' Automated Revenue Management Services Limited bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra Automated Revenue Management Services Limited.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata li tghid hekk:

1. Illi s-socjeta Automated Revenue Management Services Ltd intavolat l-ittra gudizzjarja bin-numru 3834/2015 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrent.i liema ittra qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. ARMS1;

2. Illi s-socjeta esponenti hija kreditrici ta' Natalie Farrugia ghall-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija u zewg ewro u erbgha u erbghin centezmu (€16,602.44) rapprezentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-imsernmija ittra ufficjali u dan salv ammonti ohra dovuti;

3. Illi s-socjeta esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha migjuba mir-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. lllì hija r-rikorrenti Natalie Farrugia li hija rregistrata fuq il-kont in kwistjoni u tibqa' ghalhekk responsabbli ghal tali kont sakemm ma tigi intavolata applikazzjoni ta' trasferiment sabiex kont jinqeleb fuq isem haddiehor;

5. Illi r-relazzjoni guridika tas-socjeta esponenti rigward il-kont tas-servizzi utili in kwistjoni hija mal-persuna registrata fuq il-kont, jigifieri r-rikorrenti Natalie Farrugia u mal-ebda persuna ohra;

6. Illi l-ittra ufficjali in kwistjoni hija valida u ghandha tigi reza ezekuttiva kontra r-rikorrenti Natalie Farrugia stante li jissussistu l-elementi kollha taht l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kien ghalhekk illi s-socjeta esponenti mexiet mal-procedura kkontemplata fl-imsemmi artikolu;

7. In vista tas-suespost, u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg Ii ggib is-socjeta esponenti fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta esponenti hija tal-umli fehmna li din l-Onorabbli Qorti ghandha twarrab it-talba tar-rikorrenti Natalie Farrugia, bhala wahda minghajr ebda bazi u li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra numru 3834/15 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrenti.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghall-imghax dovut skont il-ligi,

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Din hi kontestazzjoni ta' ittra ufficjali da parti ta' Natalie Farrugia ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 biex jigi rez ezekuttiv kreditu dovut lil ARMS Limited.

Ir-rikorrenti tikkontesta l-validita tal-ittra ufficjali skond il-ligi ghax hi legalment separata minn zewgha Noel u hu obbliga ruhu li jhallas il-kontijiet pendenti. In oltre meta saret taf li l-kont ghadu jghajjat lilha ppruvat tikkomunika ma' ARMS Limited bla success. Fl-ahhar tissottometti illi ARMS Limited trid tipprova t-talba ghall-ammont mitlub.

Jinghad qabel xejn illi r-rikorrenti ma ressqitx provi avolja nghataw diversi differimenti u giet iffissata seduta ghal provi kollha fejn ir-rikorrenti lanqas attendiet ghalihom izda kien prezenti d-difensur taghha.

Il-provi li ngiebu huma kollha mressqa mill-ARMS Limited

Gie esebit l-ahhar kont (Dok. RB1) li juri l-bilanc dovut u fejn ARMS Limited iddikjarat illi l-bilanc dovut hu ftit anqas minn dik li jidher fl-ittra ufficjali minhabba xi aggustamenti li saru. Ix-xhud tal-ARMS Reuben Bonnici xehed illi l-kont minn dejjem kien ighajjat lil Natalie Farrugia (ara formola ta' registrazzjoni datata 7 ta' Dicembru 2004 Dok. RB3 iffirmata minnha stess). Il-kont baqa' jghajjat lilha sallum ghalkemm in-numru tal-kont inbidel fl-2010 minhabba tibdil intern fl-amministrazzjoni. Ir-

rikorrenti ghamlet tlett ftehim ta' hlas bin-nifs mal-ARMS datati 2005, 2009 u 2010 (Dok. RB4) liema ftehim qatt ma gie onorat mir-rikorrenti.

Il-Qorti hi tal-fehma illi dawn il-provi juru t-talba ta' ARMS Limited bhala gustifikata li almenu sal-4 ta' Marzu 2016 kienet ghall-ammont ta' €15,914.41.

Ir-rikorrenti qed tallega illi zewgha obbliga ruhu li jhallas id-dejn dovut mal-ARMS skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Dan il-kuntratt lanqas gie esebit u fi kwalunkwe kaz hu res inter alios acta r-relazzjoni kontrattwali bejn l-ARMS u r-registered holder cioe r-rikorrenti u ma jidhirx li ARMS qatt accetta xi bdil f'din ir-relazzjoni kontrattwali.

Il-lanjanza tar-rikorrenti li meta saret taf li l-kond ghadu jghajjat lilha ippruvat tikkomunika mal-ARMS bla success ma fiha ebda fundament guridiku u ma tbiddel xejn mir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet li tista' tinbidel biss bi ftehim espress bejn l-istess partijiet li ma jirrizultax.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi l-ittra ufficjali ta' ARMS Limited ai termini tal-artikolu 466 Kap. 12 harget skond il-ligi u illi l-ilmenti tar-rikorrenti biex titwaqqaf l-ezekuzzjoni konsegwenzjali ghal hrug ta' tali ittra ufficjali huma bla fundament legali jew fattwali.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispjjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur